MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2013/2004

**Advanced Telecommunications Systems Co Ltd
Vs**

**Eurotours Shipping Ltd u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2004 minflok il-kelma "Shipping" tidhol il-kelma "Services"**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Ottubru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm950 (disa` mija u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti valur ta' *computer* u *freight charges*.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Peress illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' Lm950 (disa` mija u hamsin Lira

Maltin) rapprezentanti Lm800 valur ta’ kompjuter u Lm150 ‘freight charge’imhallsa lil konvenut;

Peress illi l-ammont imsemmi baqa` dovut minkejja diversi interpellanzi da parti tas-socjeta` attrici;

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament, inkluz l-ittra ufficjali datata Settmebru, 2004.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-Dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici, stante illi fl-ewwel lok, kif jista` jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-proceduri odjerni huma nulli in vista tal-fatt illi s-socjeta` attrici ma indikatx in-numru ta’ registrazzjoni taghha, kif inhi mandatorja skond l-Artikolu 174 (2) (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, qieghed jigi ecceppit in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika illi s-socjeta` konvenuta EuroTrans Shipping Ltd ma tezistix u ghalhekk qatt ma kellha ebda negozju jew relazzjoni ohra mas-socjeta` attrici;

Illi fil-meritu, u minghjar pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` konvenuta ma hijiex responsabbli ghad-danni allegatamnet sofferti mis-socjeta` attrici;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jehtieg li ssir il-prova tad-danni allegatament sofferti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Il-kawza odjerna tikkoncerna nuqqas ta’ konsenja li saret hawn Malta ghall-oggetti li gew minn barra. Is-socjeta` attrici inkarigat lis-socjeta` konvenuta biex iggibilha dan ix-xoghol.

Jirrizulta mix-xhieda tal-partijiet illi l-konsenja ghaddiet minn diversi idejn minn barra minn Malta sakemm waslet hawn Malta.

Jirrizulta ukoll mix-xhieda ta' Adrian Sciberras ghas-socjeta' attrici u Geoffrey Savage ghas-socjeta` konvenuta illi hemm divergenza grossolana ta' kemm suppost intbaghat materjal minn barra ghal Malta.

Fil-waqt li s-socjeta` attrici tghid illi kien hemm zewg (2) "pallets" b'mija u tmienja u ghoxrin kilo (128kg). Is-socjeta` konvenuta tallega li kien hemm "pallet" wiehed (1) b'piz ta' wiehed u tletin kilo (31kg).

In oltre fil-waqt illi minn barra minn Malta suppost kienu "vacuum packed", il-pakkett li wasal hawn Malta kellu black serial fuq.

Li huwa nkwetanti huwa li meta s-socjeta` attrici marret biex tigbor l-istess propjeta` taghha, ma saret l-ebda opposizzjoni jew kontestat billi fil-mument tal-konsenja billi ghalkemm kienet qed tghid li kella zewg pallets vacuum packed hi giet moghtija wiehed biss u piz ferm inqas u mhux fi stat li telaq originarjament.

Hemm divergenza fl-istess dokumenti kemm effettivament telaq xoghol telaq minn barra minn Malta biex jigi hawn Malta. Ghaddew minn diversi idejn u baqghu jimxu bl-istess dokumentazzjoni. Di fatti mid-dokumentazzjoni esebieta mis-socjeta` konvenuta a fol 32 sa 39 qed issir referenza dejjem ghall-pallet wiehed b'wiehed u tletin kilo (31kg) bhala piz. Huwa ben risaput illi min jallega irid jipprova u allura s-socjeta` attrici li kien fil-kompitu taghha li tipprova illi anchor che intbatu dawk l-oggetti kollha minnha allegat kienet responsabbli ghall-istess nuqqas l-istess socjeta` konvenuta anki se mai tramite in-nies li inkarigati minn barra minn Malta biex jigu l-oggetti.

It-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi dana l-inkarigu ma giex espletat mill-istess socjeta` attrici u ghalhekk it-talbiet taghha ma jistghux jigu akkolti.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tichad it-talbiet attrici u in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bejn taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------